MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Numru 57/2010

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**Vs**
**Sugeidy Margarita Novas Castillo**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 57 tas-sena 2010 kontra l-akkużata Sugeidy Margarita Novas Castillo, li bih hija ġiet akkużata talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Fit-13 ta’ Lulju 2009 l-akkuzata Sugeidy Margarita Novas Castillo giet Malta permezz ta’ titjira ta’ l-AirMalta Km421 minn Brussel. Hija giet imwaqqfa mill-pulizija kif assistiti minn uffiċjali tad-dwana u wara li saret tfittxija fil-bagalja taghha, f’qiegħ falz l-uffiċjali indunaw li kienet qed iġġorr pakkett kontenenti żewġ pakketti oħra li wieħed minnhom kien jikkontjeni ammont sostanzjali ta’ sostanza allegatment droga.

Illi din s-sustanza giet annalizata minn espert imqabbad mill-Qorti u ikkonferma s-suspetti tal-pulizija li din is-sustanza kienet droga heroina ta' purita' medja ta' 19.7%. Bhala ammont irrizulta ukoll li kien hemm 995.4grammi u l-prezz tal-bejgh bl-imnut ta' din il-droga perikoluża kien jammonta ghal circa €45, 788.

Illi l-pakkett l-ieħor kien fih ammont sostanzjali ta' pilloli li meta sar l-analiżi tagħhom irriżulta li kienu pilloli tal-kafeina.

Illi l-akkuzat Sugeidy Margarita Novas Castillo xi jiem qabel giet Malta, xjentement assocjat ruhha ma terzi persuni barra minn Malta u flimkien ikkombinaw l-mezzi taghhom sabiex b'hekk ikunu jistghu imexxu u jimportaw illegalment id-droga f'Malta.

Illi fil-fatt l-akkuzata Sugeidy Margarita Novas Castillo ghamlet kuntati ma' certu Paola waqt li kienet go Barcellona. Hemmhekk, gie miftiehem li l-akkuzata kella tmur Amsterdam sabiex tiltaqa' ma' żewġ persuni ohra ta' nazzjonalita Ekwadorjana. Il-ftehim kien li dawn kellhom jipprovdu d-droga heroina sabiex imbaghad l-akkuzata iġġorr din id-droga u timportaha f'Malta. Ftehmu li kellha tintuza bagalja b'qiegh falz. Dawn it-terzi persuni kellhom ukoll jiehdu hsieb l-itinerarju tal-vjagg ta' l-akkuzata Sugeidy Margarita Novas Castillo sabiex l-akkuzata tigi bid-droga Malta. Mal-wasla taghha gewwa Malta l-akkuzata kellha tallogga go lukanda u hemmhekk tistenna kuntatt iehor ma' terza persuna sabiex din il-persuna tigbor id-droga heroina.Illi in esekuzzjoni ta` dan il-pjan mahsub minn qabel, fit-13 ta' Lulju 2009 l-akkuzata ġiet Malta b'titjira ta' l-AirMalta KM 421 minn Brussel u moħbija f'qiegħ falz tal-bagalja kellha 995.4grammi droga heroina. Fortunatament din il-kunsinna kbira ta' droga heroina ġiet maqbuda mill-Pulizija mal-wasla tagħha fl-ajruport ta' Malta.

Illi id-droga heroina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilha l-imsemmija Sugeidy Margarita Novas Castillo saret hatja talli assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex tbiegh jew tittraffika medicina perikoluza f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromoviet, ikkostitwixiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq msemmi jakkuza lill-imsemmija Sugeidy Margarita Novas Castillo hatja talli assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex tbiegh jew tittraffika medicina perikoluza f'dawn il-Gzejjer (heroina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat l-assocjazzjoni; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u illi hija tigi kkundannata ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax -il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatjin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzata.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza u cioe` fil-13 ta' Lulju 2009 l-akkuzata Sugeidy Margarita Novas Castillo giet Malta permezz ta' titjira ta' Km421 minn Brussel. Hija giet imwaqqfa mill-pulizija kif assistiti minn ufficjali tad-dwana u wara li saret tfittxija fil-bagalja taghha, f'qiegħ falz l-ufficjali ndunaw li kienet qed iġġorr pakkett kontenenti żewġ pakketti ohra li wieħed minnhom kien jikkontjeni ammont sostanzjali ta' sostanza allegatament droga.

Illi din s-sustanza giet annalizata minn espert imqabbad mill-Qorti u ikkonferma s-suspetti tal-pulizija li din is-sustanza kienet droga heroina ta' purita' medja ta' 19.7%. Bhala ammont irrizulta ukoll li kien hemm 995.4grammi u l-prezz tal-bejgh bl-imnut ta' din il-droga perikoluza kien jammonta ghal circa €45, 788.

Illi d-droga heroina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilha l-imsemmija Sugeidy Margarita Novas Castillo saret hatja talli importat jew esportat jew geghlet li tigi importata jew esportata, jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi importata jew esportata mediċina perikoluża (heroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap.101) u ċioe' meta ma kellhiex liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmija Sugeidy Margarita Novas Castillo, hatja talli importat, ġegħlet li tigi importata jew għamlet xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluża (heroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe` meta ma kellhiex liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u illi hija tigi kkundannata ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax - il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi (Kap. 101), fil-regolament 9(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzata.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi ndikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza u cioe' fil-13 ta' Lulju 2009 l-akkuzata Sugeidy Margarita Novas Castillo giet Malta permezz ta' titjira ta' Km421 minn Brussel. Illi mohbija fil-bagalja taghha, f'qiegh falz kellha pakkett kontenenti zewg pakketti ohra li wiehed minnhom kien jikkontjeni id-droga heroina. Illi l-ammont ta' din id-droga perikoluza kien ta' 995.4grammi ta' purita' medja ta' 19.7%. Il-prezz tal-bejgh bl-imnut ta' din il-droga perikoluza kien jammonta ghal circa €45, 788.

Illi d-droga heroina hija droga specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmija Sugeidy Margarita Novas Castillo ma kellhiex awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija u ma kenitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni dik id-droga. Anqas kienet b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u anqas kienet awtorizzata mill-President ta' Malta li jkollha d-drogi fil-pussess taghha.

Illi b'ghemilha, l-imsemmija Sugeidy Margarita Novas Castillo saret hatja talli kellha fil-pussess taghha d-droga heroina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kenitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kenitx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita`

moghtija mill-President ta’ Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha u dik id-droga ma gġetx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b’dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha.

Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Sugeidy Margarita Novas Castillo hatja talli kellha fil-pussess tagħha d-droga heroina li għaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha u dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b’dan li r-reat kien wiehed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha; jitlob illi jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmija akkużata u li hija tigi kkundannat ghall-piena ta’ priġunerija għal għomorha u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba’ mija u disgha u sittin  euro u l-konfiska ta’ l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1), 15, 20, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-ligi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużata.

Rat l-atti kollha proċesswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tas-27 ta’ Settembru 2011 li bih, b’ (7) voti favur u b’ (2)
voti kontra, sabu lill-akkużata ħatja skond l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, u b’

(9) voti favur u bi  (0) voti kontra  sabu lill-akkuzata ħatja skond t-Tieni Kap u b' (7) voti favur u b' (2) voti kontra sabu lill-akkużata ħatja skond it-Tielet Kap ta' l-Att tal-Akkuza

Tiddikjara għalhekk lil Sugeidy Margarita Novas Castillo ħatja :-

1. talli fit-13 ta' Lulju, 2009 assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex tbigħ jew tittraffika medicina perikoluza f'dawn il-Gzejjer (heroina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat l-assocjazzjoni; w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

2. talli fit-13 ta' Lulju, 2009, importat, ġiegħlet li tigi importata jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (heroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap.101) u cioe` meta ma kelliex licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

3. talli, fit-13 ta' Lulju, 2009 kellha fil-pussess taghha d-droga heroina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kenitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kenitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha u dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħatja esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Edward Gatt, li jinsabu kollha registrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-

Il-ħatja hija esseri umana li ħadd ieħor għaraf juża għall-għanijiet tiegħu.  Nies bħal ħatja jsibu ruħhom f'dan l-inkwiet għaliex ikunu vulnerabbli u jintużaw bis-sħiħ.  Id-dealers tal-Ecuador huma dak li huma u jafu jużaw is-saħħa.  Il-ħatja hija omm ta' żewġt itfal b'wild minnhom jitwieled fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.   Barra dan kollu l-purita' tal-eroina kienet ta' 19.7% biss li huwa persentaġġ tassew żgħir.   Il-kondotta tal-akkużata hija nadifa u kellha biss wieħed u għoxrin sena meta seħħew dawn l-avvenimenti.

Il-Prosekuzzjoni wieġbet li d-droga tiddaħħal f'Malta propju b'dawn in-nies u għalhekk jinħtieġ li minkejja ċ-ċirkostanzi personali dak li jġib id-droga jieħu li ħaqqu.  Il-verdett huwa wieħed qawwi u li f'Malta ma ssir ebda diskriminazzjoni bejn persuna u oħra, hi ta' liema nazzjonalita' hi, u ġejja minn kwalunkwe pajjiż  meta l-Qorti tkun qed tamministra l-ġustizzja.

Il-Qorti wiżnet sew dak li qal l-abbli avukat difensur dwar l-użu ta' nies vulnerabbli min-nies li jaraw il-flus u ma jħarsux lejn l-effetti.   Iżda l-Qorti, hija u tikteb din is-sentenza ġabet quddiem għajnejha dawk iż-żgħażagħ li jibqgħu bl-effetti tad-droga għal żmien twil jew saħansitra jmutu.  Dan il-Qorti ma tistax twarrbu jew tinsieħ.  Il-fatt li l-ħatja  kellha wild fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin  bl-ebda mod ma jista' jkollu influwenza fuq s-sentenza.

Il-Qorti qieset li l-ħatja kellha 21 sena meta twettaq ir-reat – eta' li bħalha qed tara ħafna drabi f'dawn il-każi. F'din l-eta' wieħed jitqies bħala maġġorenni mqar jekk ma jkollux dik l-esperjenza tal-ħajja li jkollha persuna ta' eta' akbar. Qieset ukoll il-kondotta nadifa tagħha u li l-purita' tad-droga kienet waħda mill-aktar baxxi meta mqabbla ma' każi oħra li dehru quddiem il-Qorti Kriminali.

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bħala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taħt it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza w għalhekk, għall-fini tal-konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Mansour Muftah Nagem" [31.10.2002], "Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag" [15.05.2003] u "Ir-Repubblika ta' Malta vs Norman Bezzina [09.10.2010].**

Min-naħa l-oħra l-verdett kien wieħed qawwi b'saħansitra wieħed minnhom ikun unanimu – dak dwar it-tieni Kap. Barra minn dan l-akkużata la tista' tibbenefika minn ammissjoni bikrija u lanqas mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

Ghaldaqstant, wara li kkonsidrat dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12,14,15, 15(A), 17(h), 20,22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 4(a), 9 u 9(a) tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17(h), 23, u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħatja Sugeidy Margarita Novas Castillo għall-piena ta' erbatax-il sena u sitt xhur priġunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull żmien li hi għamlet taħt arrest preventiv BISS in konnessjoni ma' dawn ir-reati kif ukoll tikkundannha tħallas multa ta' €35,000 liema multa għandha titħallas fi żmien xahrejn mil-lum u li jekk tonqos li titħallas din il-multa fiż-żmien preskritt din għandha tinbidel sena priġunerija u li tħallas ukoll is-somma ta' elf u mitejn Euro u seba` w erbghin centezmi (€1200.47) import ta' l-ispejjeż peritali, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien xahrejn mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-ligi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta'

Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli oħra tal-ħatja;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma’ xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-analista Mario Mfisud u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------